MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 705/2000/1

**Leonard Ellul u Louis Carter**

**vs**

**Lawrence Mifsud (J.R.)**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur s-somma ta’ sitt mija u dsatax il-lira Maltin u wiehed u tletin centezmu
 (Lm619.31) kif ukoll somma addizzjonali sakemm tinqata l-kawza, liema somma hija dovuta bhala imghax minn fuq is-somma ta’ tnax il-elf lira Maltin (Lm12,000) u li l-imghax dovut minn 1 ta’ Ottubru, 1998, li hi certa, likwida, u dovuta.

Bl-ispejjes, u bl-imghax dovut. L-istess konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 6 tal-atti) u li biha eccepixxa:-

1. Illi fl-ewwel lok, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut jista' jipprova li huwa hallas kull ammont li kellu jhallas 'l atturi u ghalhekk ma baqghalu ebda pendenzi maghhom;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fit-tieni lok il-konvenut jecepixxi li huwa m'ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-kawza inutilment stante li huwa qatt ma gie interpellat mill-atturi sabiex ihallas xi ammont ta' flus pretiz minnhom, la permezz ta' xi ittra bonarja u lanqas b'ittra ufficjali.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-unika prova prodotta f'dawn l-atti hija x-xhieda tal-atturi Leonard Ellul (fol 15 ibid) u Louis Carter (fol 18 ibid). Leonard Ellul waqt li ikkonferma li l-ammont specifikat fl-avviz kien ghadu dovut mill-konvenut spjega li hu kien ghamel xoghol ta' bini fuq inkarigu tal-konvenut, liema xoghol kien tlesta' kollu. In rigward il-pagament tal-prezz ta' dan ix-xoghol da parti tal-konvenut, ammontanti ghal Lm12,000, il-hlas kien sar "wara hafna zmien" u difatti l-ammont specifikat fl-avviz "huwa kollu dovut bhala imghax (minnu) meta tlesta x-xoghol".

Illi, hawnhekk ghandu jinghad li l-istess attur kien obbliga ruhu li jesebixxi "statement" in konnessjoni mal-imghax allegatament dovut skond l-avviz in esami izda l-istess attur ma ottemprax ruhu ma' dan u filfatt ma esebixxa l-ebda "statement". In rigward Louis Carter, filwaqt li dan ikkonferma dak li kien xehed, precedentement, l-attur l-iehor, kien, ukoll, obbliga ruhu li jesebixxi l-istess "statement" gja imsemmi izda dan ukoll ma avverax ruhu.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward imghax, trid issir referenza ghall-artikolu 1141 tal-Kodici Civili. Fil-kaz in esami ma jidhirx Ii trattasi ta' obligazzjoni kummercjali izda ta' wahda strettament civili. Ghalhekk l-atturi kienu obbligati li jintimaw b'att gudizzjarju lill-konvenut sabiex dan jhallas l-ammont dovut minnu bhala prezz tal-appalt imsemmi u b'hekk jkun dovut l-imghax skond il-ligi. Mill-istess avviz, ma jidhrix li l-konvenut kien gie intimat kif ghadu kemm inghad u b'hekk ma hemmx dovut xi imghax da parti tieghu.

Ghal dawn il-motivi, tichad it-talba attrici bl-ispejjes kontra l-istess attur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------